MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 360/2010

Kawza fil-lista: 26

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem**
**ta' binha C D E**
**vs**
**L-Avukat Simon Micallef Starace u l-Prokuratur Legali**
**Liliana Buhagiar**
**b'digriet tat-22 ta' Marzu 2013 gew mahtura kuraturi**
**deputati**
**biex jirraprezentaw lill-assenti F E**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fil-15 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

“1. Illi l-attrici u l-konvenut kellhom relazzjoni bejniethom, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri C D E li gie rikonoxxut mill-istess konvenut.

2. Illi l-konvenut huwa ta' nazzjonalita' Sirjana u qatt ma gie jew kien jirrisjedi hawn Malta. L-istess konvenut qatt ma kkontribwixxa b'mod sostanzjali u regolari ghall-manteniment ta' l-imsemmi minuri, u l-attrici qieghda tmantni lit-tifel bl-isforzi taghha.

3. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti biex tipproponi din il-kawza in forza ta' digriet numru 1262/10 datat 18 ta' Awissu 2010 (Dok RC2).

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Taffida l-kura u kustodja ta' l-imsemmi tifel minuri C D E unikament u esklussivament lill-attrici;

2. Tawtorizza lill-attrici tiehu wahedha kwalunkwe decizjoni rigward binha minuri C D E, inkluz dawk ta' sahha u edukazzjoni;

3. Tistabbilixxi somma ta' manteniment xieraq pagabbli mill-konvenut lill-esponenti ghall-imsemmi tifel minuri;

4. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u s-sahha ta' l-imsemmi minuri;

5. Tordna lill-istess konvenut sabiex ihallas il-manteniment hekk kif stabbilit minnha, b'dawk il-modalitajiet u termini ta' hlas li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportuni, fosthom li tali manteniment jawmenta skond l-Indici tal-Gholi tal-Hajja.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti konvenut fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti.

Semghat ix-xhieda tal-attrici.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2013 l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha;

**Konsiderazzjonijiet**.

Ikkonsidrat.

L-attrici xhedet illi t-tifel tal-partijiet illum ghandu sitt snin u jghix maghha. Hija ltaqghet mal-missier fis-Sirja. Hija harget tqila u ta' tlett xhur tqala irritornat lura Malta ghaliex riedet twelled hawn Malta. Ghalkemm l-attrici xtaqet li l-konvenut E jigi Malta u jrabbu familja hawnhekk, huwa ma riedx ghaliex ried jibqa' jghix is-Sirja.

L-attrici spjegat illi wara li twieled it-tifel hija kienet telghat darba is-Sirja biex forsi tikkonvinci lill-missier jigi jghix Malta izda baqa' jirrifjuta. Kien ghalhekk illi l-attrici regghat giet lura Malta bit-tifel.

Jirrizulta li l-attrici qed trabbi lill-minuri wahehda, u filwaqt li ghall-ewwel zmien wara t-twelid tat-tifel, il-konvenut E kien beda jibghat xi flus bhala manteniment ghall-minuri, huwa waqaf jibghatilha flus circa xi tlett snin ilu. Skond l-attrici l-konvenut E ghandu negozju ta' xiri u bejgh ta' proprjeta'.

Ikkonsidrat;

Jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju illi c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz jiddettaw illi l-interess tal-minuri jitlob li l-kura u kustodja tal-minuri tigi affidata esklussivament lill-attrici stante li l-missier tilef kull kuntatt mal-minuri u ma qed juri l-ebda interess li jixtieq li jkun hemm kuntatt bejnu u l-minuri.

Dwar it-talba ghall-manteniment tal-minuri l-konvenut E ghandu l-obbligu li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur jirrizulta li l-konvenut ghandu negozju. Il-Qorti se tiffissa l-manteniment fis-somma ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi;

1. Tilqa' l-ewwel talba u taffida l-kura u kustodja tat-tifel minuri C D E esklussivament f'idejn l-attrici A B.

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tiehu wahedha kwalunkwe decizzjoni rigwardanti l-minuri inkluz dawk fir-rigward ta' sahha u edukazzjoni.

3. Tilqa' t-tielet talba u tistabbilixxi s-somma li l-konveut E ghandu jhallas lill-atrici bhala manteniment ghall-minuri fis-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar.

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-konvenut E jhallas lill-attrici is-somma ta' tlett mitt ewro fix-xahar b'effett mill-15 ta' Ottubru 2010.

5. Tilqa' l-hames talba u tordna li l-manteniment aktar qabel stabbilit jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut E filwaqt li l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------